TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1189

KAZ NRU. 1432

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Peter Farrugia

u

Corinthia Palace Hotel Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 9 ta' April 2001

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 30 ta' Marzu 2000 b'referenza MSP/TI/27/2000 skond Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Peter Farrugia, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey u Corinthia Palace Hotel Co. Ltd., aktar il-quddiem tissejjah l-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Michael Pace assistit mill-Avukat Joseph J. Vella.

Fl-Istqarrija tal-kaz l-appellant sostna li gie mkecci ngustament waqt li l-Kumpanija kkontendiet li l-kariga li kien jokkupa l-appellant giet abolita wara riorganizzazzjoni u ghalhekk gie "redundant".

It-Tribunal ma ghandux kompetenza f'kazijiet ta' tkeccija minhabba "redundancy" izda fejn dan jigi kontestat ghandu d-dmir jistabbilixxi jekk kienx jezisti tassew l-allegat stat ta' "redundancy". Waqt it-trattazzjoni u fis-sottomissjonijiet finali l-appellant sostna li, anke jekk kien hemm "redundancy" kellu jitkecca haddiehor li gie mpjegat warajh skond l-Artiklu 34 (4) tal-Kap 135.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li l-appellant, li kien jahdem fil-Jerma Palace Hotel, kien originarjament impjegat bhala Chief Cashier izda sussegwentement, fuq talba tieghu stess, inghata rwol ta' Evening Duty Manager kif ukoll li jaghmel id-doveri ta' "Night Auditor" meta dan ikun nieqes. Hu nghata "appointmernt" bhala Duty Manager/Night Auditor.

Qabel il-Jerma Palace Hotel, li hi tal-LAFICO, kienet titmexxa mill-Libjani b'Manager Libjan bl-assistenza tal-Kumpanija taht "Management Agreement". Meta l-Kumpanija hadet risposabbilta tal-Jerma Palace Hotel taht "Lease Agreement" dahlet ghal "refurbishing" u ghamlet ezercizzju ta' restrutturazzjoni u ta' riorganizzazzjoni dwar l-operat tal-Lukanda. Bhala rizultat tieghu x-xoghol li kien jaghmel l-appellant gie organizzat mod iehor u tqassam fuq impjegati ohra minghajr ma gie mpjegat haddiehor.

Dan it-Tribunal, anke diversament presedut, dejjem sostna li kumpanija ghandha d-dritt li tirristruttura u/jew tirrijorganizza ruhha biex issir aktar efficienti, ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja u tissalvagwardja l-investiment. Ma jistghax jitnehhilha l-jedd li tmexxi b'dak il-mod li l-aktar igib il-quddiem l-interessi tas-socji li jkunu investew flushom basta dak li jsir ikun konformi mal-ligi u jiehu kont ukoll ta' drittijiet tal-haddiema.

Sfortunatament meta ssir restrutturazzjoni jew riorganizzazzjoni hafna drabi jintlaqtu hazin haddiema li jkunu taw servizz tajjeb u lejali lil kumpanija. F'kazijiet bhal dawn, ghalkemm mhemmx obbligu, ikun sewwa li kumpanija turi l-apprezzament taghha b'mod xieraq.

Wara li kkunsidra x-xhieda, d-dokumenti u c-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li b'rizultat tar-rijorganizzazzjoni ma baqghax htiega ghall-post li kien jokkupa l-appellant, ma gie mpjegat hadd minfloku u l-anqas ma kien hemm fil-grad tieghu haddiehor li gie mpjegatj warajh. Ghalhekk jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-parrtijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja